Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2008 dwar il-promozzjoni tal-kreattività u l-innovazzjoni permezz ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ

(2008/C 141/10)

IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI, IMLAQQGĦIN FIL-KUNSILL,

FILWAQT LI JFAKKRU l-isfond politiku ta' din il-kwistjoni kif imniżżel fl-Anness għal dawn il-konklużjonijiet, u fid-dawl tal-Konferenza dwar il-*Promozzjoni ta' l-Innovazzjoni u l-Kreattività:* Tweġiba ta' l-Iskejjel għall-Isfidi ta' Soċjetajiet Futuri li saret fi Brdo fid-9-10 ta' April 2008,

JINNOTAW LI:

(1) filwaqt li l-Istati Membru huma responsabbli bis-sħiħ għall-organizzazzjoni u l-kontenut tas-sistemi ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ tagħhom, il-promozzjoni tal-kreattività u l-innovazzjoni huwa qasam li fih il-kwalità u l-effiċjenza fil-livell nazzjonali u reġjonali jistgħu jibbenefikaw minn kooperazzjoni fil-livell Ewropew;

(2) l-objettivi komuni Ewropej ta' kwalità, aċċess u ftuħ għaddinja usa' ġew appoġġati taħt il-programm ta' ħidma attwali "Edukazzjoni u Taħriġ 2010" permezz ta' l-isforzi għall-kisba ta' effiċjenza u ekwità. Billi l-kreattività u l-kapaċità għall-innovazzjoni huma kruċjali wkoll għall-ekonomija sostenibbli u l-iżvilupp soċjali fl-Ewropa, dawn il-kwistjonijiet jistħoqqilhom enfasi akbar fil-kuntest ta' kooperazzjoni Ewropea futura fil-qasam ta' l-edukazzjoni;

(3) il-livelli kollha ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ jistgħu jikkontribwixxu għall-kreattività u l-innovazzjoni fil-perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja: l-istadji bikrin ta' l-edukazzjoni jikkonċentraw fuq il-motivazzjoni, it-tagħlim ta' kif jinkisbu ħiliet u fuq kompetenzi ewlenin oħra, u l-istadji sussegwenti jiffokaw fuq ħiliet aktar speċifiċi u l-ħolqien, l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' għarfien u ideat ġodda.

JIKKUNSIDRAW li:

(1) il-kreattività hija s-sors prim ta' l-innovazzjoni, li konsegwentement huwa rikonoxxut bħala l-mutur prinċipali tat-tkabbir u l-ħolqien tal-ġid, bħala t-triq għal titjib fil-qasam soċjali u bħala għodda essenzjali biex jiġu indirizzati sfidi globali bħall-bidla fil-klima, il-kura tas-saħħa u l-iżvilupp sostenibbli;

(2) hemm ħtieġa dejjem tikber għal azzjoni fil-livell nazzjonali kif ukoll għal kooperazzjoni fil-livell ta' l-UE biex tinġieb il-bidla aktar ambizzjuża meħtieġa jekk l-iskejjel iridu jħejju lill-istudenti b'mod adegwat biex jiffaċċjaw l-isfidi sinifikattivi u l-problemi ta' dinja li qed tinbidel b'mod rapidu;

(3) lil hinn mill-kompiti essenzjali tagħhom li jiżguraw il-ksib ta' kompetenzi ewlenin u li jipprovdu lit-trijangolu ta' l-għarfien b'bażi soda ta' ħiliet, is-sistemi ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ jista' jkollhom rwol fundamentali fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet kreattivi u innovattivi bħala fatturi ewlenin fit-tisħiħ tal-kompetittività ekonomika futura u l-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali u l-benessere individwali;

(4) bil-livell ta' skola bħala l-bidu, is-sistemi ta' l-edukazzjoni jeħtieġu jikkombinaw l-iżvilupp ta' għarfien u ħiliet speċifiċi ma' l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ġeneriċi marbutin mal-kreattività, bħall-kurżità, l-intwizzjoni, il-ħsieb kritiku u laterali, is-soluzzjoni ta' problemi, l-esperimentazzjoni, it-teħid ta' riskji u l-kapaċità li wieħed jitgħallem minn fallimenti, l-użu ta' l-immaġinazzjoni u r-raġunar ipotetiku, u sens ta' intraprenditorija;

(5) it-tmien kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja definiti fir-Rakkomandazzjoni [1] ta' l-UE ta' l-2006 jirrelataw ma' ħiliet li għandhom rilevanza partikolari għall-kreattività u l-kapaċità għall-innovazzjoni. B'mod partikolari, hemm ħtieġa għal ħiliet u kompetenzi li jippermettu linnies jilqgħu l-bidla bħala opportunità, jibqgħu riċettivi għal ideat ġodda u jirrispettaw u japprezzaw il-valuri ta' l-oħrajn;

(6) mgħammrin bl-evidenza li d-diversità u l-ambjenti multikulturali jistgħu jistimulaw il-kreattività, linji politiċi ta' l-edukazzjoni inklużivi u mmirati lejn it-tolleranza u l-fehim reċiproku, għandhom il-potenzjal li l-multikulturaliżmu li qed jiżdied tas-soċjetajiet Ewropej jibdluh f'assi għall-kreattività, l-innovazzjoni u t-tkabbir;

(7) il-parteċipazzjoni ta' l-iskejjel f'netwerks ġodda u differenti, b'mod partikolari dawk ibbażati fil-komunità lokali, jistgħu jgħinuhom jilħqu l-objettivi edukattivi tagħhom, kif ukoll jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-kreattività u l-innovazzjoni. Is-sħubiji bejn l-edukazzjoni, id-dinja tax-xogħol u s-soċjetà ċivili in ġenerali huma kruċjali għall-antiċipazzjoni u l-adattament għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu tal-ħajja professjonali u soċjali: apprendistati, proġetti konġunti, tagħlim bejn pari u edukaturi ta' kors minn barra l-edukazzjoni jistgħu jintroduċu ideat ġodda lill-għalliema u lill-istudenti;

(8) l-għalliema għandhom rwol kruċjali fl-iżvilupp u l-appoġġ tal-potenzjal kreattiv ta' kull tifel u tifla, u jistgħu jikkontribwixxu għal dan billi jagħtu eżempji tal-kreattività fit-tagħlim tagħhom stess;

[1] Rakkomandazzjoni 2006/962/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja (ĠU L 394, 30.12.2006, p. 10).

F'dan ir-rigward, jidher li approċċi aktar personalizzati u ċċentrati fuq min qed jitgħallem fl-ambitu ta' edukazzjoni mfassla skond il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet ta' individwi differenti li qed jitgħallmu — inklużi dawk b'talenti speċjali — huma partikolarment kondużivi għall-kreattività u, minkejja l-implikazzjonijiet tagħhom f'termini ta' riżorsi u organizzazzjoni interna, għaż-żieda tal-motivazzjoni u l-kunfidenza ta' individwi li qed jitgħallmu li huma orjentati aktar għall-prattika u artistikament;

(9) l-istituzzjonijiet ta' l-edukazzjoni ta' l-għalliema għandhom ukoll kontribut ewlieni x'jagħmlu fil-forniment ta' persunal ta' għalliema bl-għarfien u l-kompetenzi meħtieġa għall-bidla, bħall-ħiliet meħtieġa biex jiġu promossi approċċi ċċentrati fuq min qed jitgħallem, metodi ta' ħidma kollaborattivi u l-użu ta' għodod moderni tat-tagħlim, b'mod partikolari dawk ibbażati fuq l-ICT. It-trawwim ta' kapaċitajiet u atitudnijiet kreattivi fl-iskejjel jeħtieġ ukoll l-appoġġ ta' kultura organizzattiva miftuħa għall-kreattività u l-ħolqien ta' ambjent li jiffavorixxi l-innovazzjoni in ġenerali, kif ukoll tmexxija ddedikata u li tħares 'il quddiem fil-livelli kollha;

(10) billi sehem dejjem jikber tat-tagħlim iseħħ fuq il-post tax-xogħol, f'kuntesti mhux formali u fil-ħin tad-divertiment — spiss permezz ta' għodod u metodi ta' tagħlim ġodda u bbażati fuq l-ICT — l-iżvilupp ta' kapaċitajiet kreattivi u innovattivi għandu rilevanza għall-aspetti kollha tat-tagħlim tul il-ħajja;

(11) aktar riċerka, appoġġata minn kondiviżjoni ta' data, hija meħtieġa dwar metodi għall-identifikazzjoni, id-definizzjoni, il-kejl u r-reġistrar ta' riżultati ta' tagħlim f'kompetenzi karatterjali trasversali ('soft transversal skills') bħall-kreattività u l-kapaċità għall-innovazzjoni. Jenħtieġ ukoll li dawk li jfasslu l-politika ta' l-edukazzjoni jingħataw bażi ta' evidenza aktar b'saħħitha għall-promozzjoni ta' kapaċitajiet kreattivi u innovattivi permezz ta' tagħlim tul il-ħajja, u li jiġi esplorat il-kontribut possibbli li l-UE tista' tagħmel għal dan il-proċess.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI BIEX:

(1) jikkunsidraw kif irawmu sinerġija akbar bejn l-għarfien u l-ħiliet fuq in-naħa l-waħda u l-kreattività fuq in-naħa l-oħra, kif ukoll kif l-aħjar jippromwovu, jissorveljaw u jivvalutaw il-kreattività u l-kapaċità ta' l-innovazzjoni, fil-livelli kollha ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ;

(2) jinkoraġġixxu lill-għalliema biex jiżviluppaw ir-rwol professjonali tagħhom bħala faċilitaturi tat-tagħlim u promoturi tal-kreattività, u jgħinu lill-istituzzjonijiet ta' l-edukazzjoni ta' l-għalliema jirrispondu għad-domandi l-ġodda tal-professjoni ta' l-għalliema, per eżempju billi jippromwovu approċċi kollaborattivi u ċċentrati fuq min qed jitgħallem, ambjenti innovattivi tat-tagħlim u l-użu ta' riżorsi ta' l-edukazzjoni miftuħin;

(3) jippromwovu kultura ta' tagħlim permezz ta' l-iżvilupp ta' komunitajiet ta' tagħlim usa', billi jiffaċilitaw u jappoġġaw netwerks u sħubiji — li jinvolvu s-soċjetà ċivili u partijiet interessati oħrajn — bejn l-edukazzjoni u oqsma relatati bħall-kultura fuq in-naħa l-waħda, u d-dinja tax-xogħol fuq in-naħa l-oħra.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI BIEX:

(1) jikkunsidraw li jinkludu l-promozzjoni tal-kreattività u l-kapaċità għall-innovazzjoni fost l-objettivi għal kooperazzjoni Ewropea attwali u futura fil-qasam ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ bħala komplimentari għall-promozzjoni u l-appoġġ ta' l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni ta' l-2006 dwar kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja; u jesploraw mezzi xierqa u effettivi fil-livell Ewropew — bħat-tagħlim bejn pari — biex jinkisbu dawk l-għanijiet fil-livelli kollha ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ u f'perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja;

(2) jippromwovu produzzjoni kulturali, djalogu interkulturali u kooperazzjoni fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali bil-ħsieb li jiżviluppaw ambjenti li huma kondużivi b'mod speċjali għall-kreattività u l-innovazzjoni;

(3) joħolqu sinerġiji biex jappoġġaw il-promozzjoni tal-kreattività u l-innovazzjoni permezz ta' kooperazzjoni attiva ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari l-Kunsill ta' l-Ewropa, il-UNESCO u l-OECD, dwar temi bħall-edukazzjoni interkulturali, id-demokrazija, it-tolleranza u d-drittijiet tal-bniedem. (Għandu jiġi żgurat id-dritt tal-parteċipazzjoni ta' l-Istati Membri kollha f'tali ħidma).

(4) jinkoraġġixxu u jappoġġaw l-iżvilupp, l-iskambju u d-disseminazzjoni ta' prattika tajba dwar politika ta' l-edukazzjoni bbażata fuq evidenza u relatata mal-promozzjoni ta' ħiliet kreattivi u innovattivi fl-Ewropa.

(5) jagħmlu użu xieraq ta' programmi u strumenti ta' l-UE biex jippromwovu u jappoġġaw il-kreattività u l-kapaċità għall-innovazzjoni fl-istadji kollha tat-tagħlim tul il-ħajja, kif ukoll fil-proċess edukattiv innifsu.

U JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEX:

(1) tappoġġa riċerka rilevanti, u tanalizza u tiskambja data, kemm fil-livell ta' l-UE kif ukoll fost l-Istati Membri — f'kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet ta' riċerka Ewropej u internazzjonali — dwar il-promozzjoni u l-iżvilupp ta' ħiliet kreattivi u innovattivi permezz ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ.

(2) fil-proċess tat-tfassil ta' qafas strateġiku ġdid għal kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lil hinn mill-2010, tkompli l-isforzi biex tgħolli l-livell ta' fehim dwar kwistjonijiet assoċjati ma' l-iżvilupp tal-kreattività u l-kapaċità għall-innovazzjoni permezz ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ fil-kuntest ġenerali ta' politika ta' l-innovazzjoni fuq bażi wiesgħa għall-UE.

ANNESS

SFOND POLITIKU

1. Ir-rapport tal-Kunsill ta' l-Edukazzjoni għall-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2001 ([1]) u l-programm ta' ħidma dettaljat adottat sussegwentement ([2]), li jistipolaw numru ta' objettivi futuri konkreti għas-sistemi ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Ewropa, inklużi *L-Iżvilupp ta' ħiliet għas-soċjetà ta' l-għarfien, Nagħmlu t-tagħlim aktar attraenti u t-Tisħiħ tar-rabtiet mal-ħajja tax-xogħol u r-riċerka, u s-soċjetà in ġenerali*.

2. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2006, li enfasizzaw li r-riformi għandhom jiġu promossi biex jiġu żgurati sistemi ta' l-edukazzjoni ta' kwalità għolja li huma kemm effiċjenti kif ukoll ekwitabbli u rrikonoxxew ir-rwol kruċjali tal-livelli kollha ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ għall-ksib ta' eċċellenza u innovazzjoni ([3]).

3. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2006 dwar l-effiċjenza u l-ekwità fl-edukazzjoni u t-taħriġ li ddikjaraw li l-istituzzjonijiet ta' l-edukazzjoni għandhom jiffokaw fuq l-ambjent usa' tat-tagħlim sabiex jiġu promossi u sostnuti l-effiċjenza, l-ekwità u l-benesseri ġenerali ([4]).

4. Ir-Rakkomandazzjoni ta' Diċembru 2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja, li ssottolinjat ir-rwol tal-ħsieb kritiku, il-kreattività, l-inizjattiva, is-soluzzjoni ta' problemi, il-valutazzjoni ta' riskji, it-teħid ta' deċiżjonijiet, u l-ġestjoni kostruttiva tas-sentimenti fit-tmien kompetenzi ewlenin kollha ([5]).

5. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2006 dwar il-prijoritajiet strateġiċi għall-innovazzjoni fil-livell ta' l-UE ([6]), li ddefinixxew l-edukazzjoni bħala prekondizzjoni għall-innovazzjoni u ddikjaraw li l-edukazzjoni għandha tippromwovi t-talent u l-kreattività minn età żgħira, u li ġew adottati bi tweġiba għall-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-13 ta' Settembru 2006 — *Nipprattikaw l-għarfien: Strateġija għall-innovazzjoni msejsa fuq bażi wiesgħa għall-UE* ([7]).

6. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Mejju 2007 *"Aġenda Ewropea għal kultura f'dinja li qed tiġi gglobalizzata"*, li ddikjarat li r-rwol tal-kultura fl-appoġġ u t-trawwim tal-kreattività u l-innovazzjoni għandu jiġi esplorat u promoss u tara l-kreattività bħala l-bażi ta' l-innovazzjoni ([8]).

7. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Mejju 2007, dwar qafas koerenti ta' indikaturi u punti ta' referenza għall-monitoraġġ tal-progress lejn l-objettivi ta' Lisbona fl-edukazzjoni u t-taħriġ, li rrikonoxxew li d-definizzjoni ta' qafas koerenti ta' indikaturi u punti ta' referenza kien proċess kontinwu u konsultattivi ([9]).

8. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill ta' Novembru 2007, dwar it-titjib tal-kwalità ta' l-edukazzjoni ta' l-għalliema, li qablu li jippromwovu l-akkwist ta' kompetenzi li jippermettu lill-għalliema jiżviluppaw għarfien ġdid u jkunu innovattivi billi jimpenjaw ruħhom fi prattika riflettiva u r-riċerka ([10]).

9. Ir-rapport ta' progress konġunt 2008 tal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma "Edukazzjoni u Taħriġ 2010" *Kisba ta' tagħlim tul il-ħajja għall-għarfien, il-kreattività u l-innovazzjoni*, li enfasizza li r-riċerka u l-innovazzjoni jeħtieġu bażi ta' ħiliet wiesgħa fil-popolazzjoni u li l-eċċellenza u l-kompetenzi ewlenin għandhom jiġu żviluppati fis-sistemi u l-livelli kollha ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ ([11]).

10. Il-messaġġi ewlenin mill-Kunsill ta' l-Edukazzjoni tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2008 li ddikjara li l-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom jipprovdu bażi wiesgħa ta' għarfien u ħiliet fil-popolazzjoni kif ukoll jiżviluppaw il-kreattività u l-kapaċità għall-innovazzjoni ta' min qed jitgħallem, u li għal dan il-għan għandhom jiġu żviluppati kurrikuli fil-livelli kollha sabiex il-kompetenzi kreattivi u innovattivi ta' min jitgħallem jissaħħu ([12]).

([1]) *L-objettivi futuri konkreti tas-sistemi ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ* — Rapport mill-Kunsill ta' l-Edukazzjoni lill-Kunsill Ewropew (dok. 5980/01).
([2]) *Programm ta' ħidma dettaljat dwar is-segwitu ta' l-objettivi tas-sistemi ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Ewropa*, ġeneralment imsejjaħ il-programm ta' ħidma "Edukazzjoni u Taħriġ 2010" (ĠU C 142, 14.6.2002, p. 1).
([3]) Il-konklużjonijiet tal-Presidenza, il-Kunsill Ewropew ta' Brussell, 23-24 ta' Marzu 2006 (dok. 7775/06).
([4]) Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill ta' l-14 ta' Novembru 2006, dwar l-effiċjenza u l-ekwità fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ĠU C 298, 8.12.2006, p. 3).
([5]) Rakkomandazzjoni 2006/962/KE.
([6]) Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-4 ta' Diċembru 2006 dwar Strateġija għall-Innovazzjoni Msejsa fuq Bażi Wiesgħa: Prijoritajiet Strateġiċi għall-Innovazzjoni fil-Livell ta' l-UE (16253/06)
([7]) Dok. 12940/06.
([8]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Brussell, 10 ta' Mejju 2007 — *Aġenda Ewropea għal kultura f'dinja li qed tiġi gglobalizzata* (COM(2007) 242 finali).
([9]) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar qafas koerenti ta' indikaturi u punti ta' referenza għall-monitoraġġ tal-progress lejn l-objettivi ta' Lisbona fl-edukazzjoni u t-taħriġ, 24 ta' Mejju 2007, (ĠU C 311, 21.12.2007, p. 13).
([10]) Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, imlaqqgħin fiil-Kunsill, fil-15 ta' Novembru 2007, dwar it-titjib tal-kwalità ta' l-edukazzjoni ta' l-għalliema (ĠU C 300, 12.12.2007, p. 6).
([11]) *"Kisba ta' tagħlim tul il-ħajja għall-għarfien, il-kreattività u l-innovazzjoni"* — Rapport ta' progress konġunt 2008 tal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma "Edukazzjoni u Taħriġ 2010" (5723/08).
([12]) Messaġġi ewlenin tal-Kunsill ta' l-Edukazzjoni tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa fl-oqsma ta' l-edukazzjoni/taħriġ u ż-żgħażagħ (6445/08).

11. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2008, li kkunsidraw l-iżvilupp sħiħ tal-potenzjal ta' l-innovazzjoni u l-kreattività taċ-ċittadini Ewropej mibni fuq il-kultura Ewropea u l-eċċellenza Ewropea fix-xjenza bħala fattur ewlieni għal tkabbir futur ([1]).

12. Proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna s-Sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni (2009) ([2]).

([1]) Kunsill Ewropew ta' Brussell, 13-14 ta' Marzu 2008, Konklużjonijiet tal-Presidenza (7652/08).
([2]) Dok. 7755/08.